Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 50– L-Erbgħa 10 ta' April 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-3:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

50.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

50.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**50.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

50.3.1 Ġiet trattata l-ittra li bgħattna lill-Kunsill ta' Wadowice fil-Polonja sabiex isir friendship agreement magħhom.

50.3.2 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għat-talba li kien ressaq il-Kunsill fil-laqgħat preċedenti sabiex titwitta' triq bit-torba taħt Chambray in-naha tax-Xatt l-Ahmar hdejn l-istitut. Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera ghad-diversi talbiet tieghu fil-laqgħat precedenti fuq dan ir-rigward u sar qbil li għandna nibgħatu *reminder*.

50.3.3 Is-Sindku rrefera għad-diversi lmenti li qed ikun hemm li Triq l-Imġarr qed tkun mitfija spiss.

50.3.4 Is-Sindku rrefera għal fatt li minn naħa ta' Transport Malta qed jaħdmu fuq aktar miżuri ta' *safety* fi Triq Mgarr u preżentament qed jaħdmu fuq in-naħa tas-Supermarket Ta' Dirjanu.

50.3.5 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal talba li saret minn persuna minn Triq l-Imġarr li għandna l-*blue badge*. Peress li mhix issib *parking* talbet li ssir *communial disabled parking bay* fi Triq St. Andrew. Din it-talba ġiet approvata minn Transport Malta u saret ħdejn il-First & Last Bar.

50.3.6 Is-Sindku rrefera għal-ħtieġa li għandna nitolbu lid-Dipartiment tal- Agrikultura sabiex tiġi trimjata s-sigra li hemm fin-nofs u li jsir *Traffic management* ta' din l-area fi Triq iż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna ninkarigaw lil Perit Edward Scerri biex jagħmel dan ix-xogħol.

50.3.7 Is-Sindku rrefera għal fatt li ġie avviċinat rigward il-possibilita' li nissieħbu fi proġett Interreg rigward il-kosti. Għandhom jinfurmawna aktar il-quddiem b'aktar informazzjoni.

## 50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

50.4.1 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għal żewġ arbli fi Triq Hamri li jinħtieġ jinqalgħu biex isir xi bini.

50.4.2 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għall-ħtieġa ta' zebra crossing fi Triq Mgarr ħdejn l-exit ta' Bethlehem. Din it-talba diga konna ressaqniha iżda nerġgħu ntennuha.

50.4.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal fatt li Triq Filfla hija mudlama ħafna u jinħtieġ bozza ġdida. Sar qbil li għandna napplikaw għaliha.

50.4.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg rrefera għat-talba ta' bozza ġdida li ilha titlob għaliha residenta fi Triq Cordina. Sar qbil li għandna nagħmlulha arblu ġol-bankina tagħha.

50.4.5 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għal ħtieġa ta' qtugħ ta' ħaxix fi Triq iċ-Ċimiterju peress li mimlija ħaxix.

50.4.6 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex isiru *refreshing lines* fil-Pjazza ħdejn il-forn.

50.4.7 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għal fatt li rċeviet diversi lmenti dwar il-proġett tat-tarag u rat b'għajnejja persuni neżlin la ġenba. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi żied li huwa wkoll qed jiġi avviċinat minn ħafna nies li mhux qed iħossuh komdu biex tinżlu. Huwa propona li kif għadna fiċ-ċans għandna nwessgħu t-tarġa u nikkoreġuh għax in-nies mhumiex komdi. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Perit u lill-kuntrattur biex naraw x'jista jsir kemm jista jkun malajr.

## 50.5 Korrispondenza u Rapporti

50.5.1 Ġiet trattata l-email mingħand il-Kap tal-iskola sabiex nibdlu l-pavimentar matul il-vakanzi tal-Għid u sabiex insewwu t-tisqifa.

50.5.2 Ġiet trattata l-email mingħand l-Għaqda 13 ta' Ġunju fejn talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill f'attivita' li ser tiġi organizzata fl-okkażżjoni tal-festa Sant'Antnin. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora sa' spiża ta' €150

50.5.3 Ġie trattat r-rikors tal-Qorti li rcieva l-Kunsill dwar il-kawża tal-Qorti bejn Xuereb Vincent kontra Grima Noel rigward l-inċident li kien ġara fix-Xatt l-Aħmar f'Lulju 2015 fejn kaġun tiegħu tilef ħajtu James Xuereb. Il-Kunsill qabel li għandna nqabbdu lill-avukat tal-Kunsill sabiex nirrispondu għalih. Ser nirrispondu għalija bl-avukat u nistqarru li l-springboard sibniha hemm, qatt ma wettaqna tip ta' manutenzjoni u qatt ma kellna nfurzar fuqha.

50.5.4 Ġie trattat l-Agreement mingħand id-Dipartijiet fejn qed jgħaddi l-użu tal-Art ta' Passi lil Kunsill skond it-talba li kien ressaq il-Kunsill. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon dan il-ftehim u sar qbil li għandu jiġi ffirmat.

50.5.5 Ġiet trattata petizzjoni mingħand xi residenti ta' Triq l-Imgarr dwar attivita' kummerċjali li qed issir fi Triq l-Imgarr u li tagħha huma qed isoffru l-konsegwenzi minħabba nuqqas ta' parkeġġ. Peress li fethet showroom ġdida tal-karozzi, qed ikun hemm ħafna karozzi pparkjati u r-residenti ta' dik it-triq mhux isibu fejn jipparkjaw. Sar qbil li għandna nistħarrġu dwar sistema li tista tawtorizza li min hu resident jista jipparkja kemm irid u min mhux resident ma jistax jipparkja għal ħin twil.

50.5.6 Il-Kunsill qabel ukoll li f'dan l-istadju għandna nitolbu sabiex il-parkeġġ ta' Għajnsielem Hub, wara l-ħin tax-xogħol jintuża għal parking minħabba l-problema ta' nuqqas ta' parking. Sar qbil li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex u Transport Malta.

50.5.7 Ġiet trattata l-proposta mingħand l-Għaqda Hbieb tal-Presepju fejn ser jagħmlu wirja ta' 17 il-diorama magħmula mill-presipista magħruf taljan Claudi Mattei fil-knisja l-qadima t'Għajnsielem. L-Għaqda qed titlob lill-Kunsill sabiex jkun

wieħed mill-kollaboraturi ta' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora f'din l-attivita hekk kbira u għandu jħallas spejjes sa' massimu ta' €2000.

50.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Merkanti, Għajnsielem għal *double yellow lines* fi Triq il-Qigħan, metru fuq kull naħa. It-talba ġiet approvata.

50.5.9 Ġie trattat l-Ilment mingħand resident fi Triq Cordina li sidien taż-żwiemel mhux qed jiġbru il-ħmieġ taż-żwiemel fi Triq Cordina. Sar qbil li għandna nressqu dan l-ilment lill-awtoritajiet għal aktar infurzar.

50.5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Ġuzeppi Cali għal *double yellow lines* faċċatta tar-residenza minħabba li it-tifel ibati bl-asthma u ma tistax tiftaħ it-tieqa. Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt x'inhu meħtieġ.

50.5.11 Ġie trattat l-ilment mingħand resident fi Triq Hamri rigward il-ħmieġ tal-ħamiem fl-inhawi. Sar qbil li għandna niċċekjaw x'sistema tista tiġi addottata.

50.5.12Ġie trattat ilment mingħand resident fi Triq Manuel De Vilhena li lmenta mill-ħamiem u staqsa x'se jsir f'dan ir-rigward.

50.5.13 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Hamri biex jeħel railing fuq il-Belvedere tal-Hamri. Sar qbil li dan għandu jsir.

50.5.14 Ġiet trattata talba mingħand residenta fi Triq il-Ġnien għal metre double yellow lines quddiem ir-residenza tagħha peress li huma anzjani u ma jkunux jistgħu joħorgu minn darhom. Sar qbil li għandna napplikawlhom għal dan.

50.5.15 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Hamri sabiex isiru il-cameras fil-Belvedere tal-Hamri.

50.5.16 Ġie trattat l-ilment mingħand resident minn Triq Wied Martin peress li f'din it-triq hemm ħafna dgħajjes u karozzi abbandunati u wkoll hemm ħafna ħaxix ħażin. Sar qbil li għandna nieħdu azzjoni u nirrapurtawhom. Rigward qtugħ ta' ħaxix ser ngħadduh lill-kuntrattur.

50.5.17 Ġiet trattata talba mingħand residenta fi Triq Għajnsielem għal metre double yellow lines quddiem ir-residenza tagħha peress li huma anzjani u ma jkunux jistgħu joħorġu minn darhom. Sar qbil għandna mmexxu din it-talba.

50.5.18 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex id-*dog bin* li hemm fi Pjazza Madonna ta' Loretu jitwaħħal aktar il-ġew peress li qed jintlaqat x'ħin jipparkjaw.

50.5.19 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Simirat biex fl-aħħar biċċa ta' Triq Simirat jibda jgħaddi l-iscammel.

50.5.20 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Dun Frangisk Mizzi, biex titranġalu l-bankina bil-madum tal-bricks aħmar. It-talba ġiet aċċettata u li għandha tiżdied mal-lista.

## 50.6 Proġett tat-Taraġ

50.6.1 Is-Sindku rrefera għall-problemi tat-taraġ u għal fatt li jidher li hawn ilmenti li t-turġien mhumiex wisghin kif miftiehem u għalhekk għandna naraw kif jista jiġi kkoreġut kif rikjest mit-tender minħabba l-ilmenti tal-pubbliku. Sar qbil li għandna nikkuntajaw lil Perit li qed ikollna lmenti rigward il-wisgħa tat-taraġ u ġie ssuġerit li tiġi eliminata l-bankina biex jiġi estiż it-taraġ u r-rampa tibda minn ma ġenb it-taraġ. Ġie kkuntatjat il-perit u qabel mal-idea minkejja li ġibdilna l-attenzjoni u jkollna problemi mal-KNPD.

50.6.2 Is-Sindku rrefera għall-kostruzzjoni tal-monument u rrefera għal fatt li l-artist mar jkompli x-xogħol fuqu l-Italja u x-xogħol miexi b'rittmu mgħaġġel.

50.6.3 Sar qbil ukoll li l-bankina ta' madwar it-tarag u l-monument għandha ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 50.7 Proġett Triq il-Briegħen u Xatt l-Aħmar

50.7.2 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal Triq il-Briegħen u għall-*misunderstanding* minn naha tal-kuntrattur li minghalih li jrid jibda parti oħra. Il-proġett ser jasal sa ħdejn il-kamra tax-Xatt l-Aħmar. Huwa spjega kif minn fejn it-torri sal-ġnien taż-Żebbug ser jgħaddi l-Fibre optic u ser issir mill-Malta Enterprise wara li jqattghu t-trinka.

## 50.8 Applikazzjoni oħra taħt Miżura 4.4

50.8.2 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni ta' fondi li ħadna taħt Miżura 4.4 biex isir restawr tal-Arkata u ħitan tas-sejjieħ sal-mina. Issa ħarget applikazzjoni oħra u ser napplikaw għal aktar restawr ta' ħitan f'dan l-istess wied. L-applikazzjoni tagħlaq din il-ġimgħa.

## 50.9 Inawgurazzjoni ta' Proġetti

50.9.2 Sar qbil li l-Hadd 28 t'April 2019 għandna ninawguraw il-proġetti tal-mosaic ta' Triq il-Ġnien u Belvedere Xatt l-Aħmar u wkoll it-tifkira tal-Banċinu. Sar qbil li għandu ssir lapida tal-okkażżjoni għal kull proġett.

50.9.3 Rigward l-inawgurazzjoni tal-proġett tat-taraġ tal-mosaic qed isiru l-koordinamenti mal-Ministeru tat-Trasport biex ninawgurawh.

## 50.10 Stima ta' porfido

50.10.1 Ġew trattati l-istimi migburin sabiex jinxtara l-porfido li ser jintuża fuq il-bankina ta' madwar it-tarag u wkoll fl-entratura tal-iskola.

50.10.2L-istimi migbura huma minghand:

Joe Grima Scaffoldings ghal prezz ta' € 65 kull metru kwadru minghajr VAT
LBV Ltd ghal prezz ta' € 75 minghajr VAT kull metru kwadru nkluz it-tpoggija
U minghand Stoneage għal prezz ta' € 40.50 minghajr VAT kull metru kwadru.

50.10.3 Sar qbil li għandna nagħzlu l-istima provduta minghand Stoneage bil-qies ta' 30cm il-madum għal prezz ta' €40.50 kull metru kwadru u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Sar qbil li ghandna nixtru 150 metru kwadru.

## 50.11 Stima dawl tat-taraġ

50.11.1 Il-Kunsill iddiskuta l-istimi tad-dawl tat-taraġ tal-Pjazza. Sar qbil li għandna nagħżlu l-mudell ta' arblu b'zewg fanali għall-prezz ta' €1580 + VAT minghand Light Design Solutions Ltd. Sar qbil li għandna ninkarigawh biex jigi fil-post u jindikalna eżatt kemm hu meħtieġ peress li l-artist jixtieq li jkun hemm dawl xieraq fuq il-monument.

## 50.12 Triq Ħamri

50.12.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-kuntrattur Gatt Construction meta ntalab biex jiffirma l-kuntratt tar-resurfacing ta' din it-triq qed jirrifjuta li jagħmel ix-xogħol hu peress li qed jgħid li minn meta tefa' l-offerta 'l hawn il-materjal għola u ma jaqbillux. Sar qbil li għandna nkomplu nipprovaw ninnegozjaw mal-kuntrattur u filkaż immorru għal negotiating procedures mat-tieni offerta. F'kaz li ma nilħqu l-ebda ftehim ma' jkollnix għażla oħra għajr li nwaqqgħu l-offerta u nerġgħu noħorġuha .

## 50.13 Stima dawl tat-tarag Mosaic

50.13.1 Ġiet trattata l-istima ta' Light Design Solutions sabiex isiru 4 sport lights fit-tarag tal-mosaic hdejn il-Grand Hotel. L-istima tammonta ghal €1864.40 nkluz il-VAT. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq din l-istima.

## 50.14 Approvazzjoni tal-Kont ta' Triq iż-Żewwieqa

50.14.1 Is-Segretarja preżentat il-kont tar-*resurfacing* ta' Triq iż-Żewwieqa skond kif preparat mill-Perit Edward Scerri. Irrizulta li hemm diskrepanza ta' €4000 minn dak provdut mill-Kuntrattur. Il-Kunsill qabel li għandu jinnegozja din il-varjanza mal-kuntrattur u jekk jaċċetta li jagħmel Triq Hamri u nkunu nistgħu mmexxu bl-approvazzjoni tal-kont.

## 50.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti

50.15.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 50.16 Materji oħra

50.16.1 Is-Sindku rrefera għal proposta fuq xewqa ta' Mark Xuereb dwar skema Arts in Public Spaces fejn espona x-xewqa tiegħu li jagħmel proġett ta' arti f'Għajnsielem. Il-Kunsill aċċeta din il-proposta speċjalment meta ġejja minn artist lokali. Ġie propost li nagħmlu struttura tal-ħadid bil-kelma Għajnsielem u ssir fis-*central strip*. Konna għidna li forsi nċekknu parti mis-Central Strip. Bħala stima tax-xogħol tal-ħadid ser jintelgħa mas-€27,000. Il-base u d-dawl jintelgħu mas-€16,000. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi bl-għajnuna tiegħu fl-applikazzjoni. Sar qbil li l-kumplament tal-ispejjes relatati li ma jinghatawx mill-applikazzjoni ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-Kunsill. Il-budget allokat mill-applikazzjoni Arts Fund huwa dak ta' 30,000. L-involviment tan-nies tal-lokal ukoll ghandu jigi inserit fl-applikazzjoni.

50.16.2 Is-Sindku rrefera wkoll ghal-laqgha mal-Perit Godwin rigward il-progett ta' Pjazza Tolfa. Il-Perit wera l-preokkupazzjoni tieghu li l-*maltese hardstone* jikrieh biz-zmien u ghalhekk issuggrixxa li l-art issir porfido. Qbilna li l-materjal il-wieqaf isir hardstone . Il-materjal terrazzo wkoll gie diskuss.

50.16.3 Is-Sindku rrefera ghall-Pjazza tad-Dehra u ghal fatt li ghadna ghaddejjin bil-problemi u mhix *fully functionable*. Solvejna il-problema tad-dawl izda l-ilma ghadu ma hadimx. L-Inginier kien prezenti wkoll ghal-laqgha. Is-Sindku Franco irrefera ghal problemi li jezistu f'din il-pjazza u li hawn hafna kritika. Gie diskuss jekk il-pump room tistax tigi eliminata u ssir xi tip ta' feeder pillar. Sar qbil li l-pompi jrid jibqghu fil-pump room u li gralhom il-hsara ghax gherqu fl-ilma. Gie diskuss il-fatt jekk hemmx pipe li jaqsam it-triq ghax kieku nghadddu s-sistema ghan-naha l-ohra tat-triq inkella ssir feeder pillar fil-pjazza. Saret zjara fuq il-post biex jigi determinat dan kollu. Irrizulta li jezisti pipe taht ir-roadhump pero jasal sal-bankina. Sar qbil li trid issir aktar ventilation fil-pumproom.

50.16.4 Sar qbil li ghandha issir harga ohra ghall-anzjani fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm.

50.16.5 Sar qbil li ghall-ktejjeb 4 snin ta' hidma ghandna nqabbdu lil xi hadd biex jghin lis-Segretarja fih. Sar qbil li ghandna nikkuntatjaw lill-Antonella Azzopardi peress li hija ghalliema tal-Malti.

50.16.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi mal-istimi migbura ghat-tapit tal-playing field. L-istimi migbura kienu minghand:

JGC Ltd għall-prezz ta' €42.95 minghajr VAT kull metru kwadru
M Equip Ltd għall-prezz ta' €45.89 minghajr VAT kull metru kwadru

Sar qbil li għandna nagħżlu l-aktar offerta vantaġġjuża dik ta' JGC Ltd u nordnaw 66 metru u jitpoġġa taħt iż-żurżieqa.

## 50.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

50.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet preseduta għal nhar it-Tlieta 30 ta' April 2019 fit-3:00pm.

**Franco Cjangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**